A.L. 131 ta' l-2006

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 178 ta' l-2005.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2006.

Jemenda l-Indiċi li hemm mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-indiċi li hemm mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem taħt TITOLU V "68 Applikazzjoni tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubbliċi" għandhom jidhlu l-kliem "68 Applikazzjoni tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi".

Jemenda regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (3) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minnufih wara t-tifsira "bejgħ bl-irkant elettroniku" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "id-Direttur " tfisser il-Kap tad-Dipartiment tal-Kuntratti;";

(b) minnufih wara t-tifsira ġdida "id-Direttur" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "il-Ftehim" tfisser Ftehim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwisti Pubbliċi;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "konċessjoni ta' xogħlijiet" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "il-Kummissjoni " tfisser il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea;"; u

(d) minnufih wara t-tifsira "proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi" tfisser ir-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi;".

Jemenda regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) fil-proviso mas-subregolament (1), minnufih wara l-kliem "mill-iskop ta' dan ir-regolament" għandhom jidħlu l-kliem " jew fejn japplikaw mir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi"; u

(b) fis-subregolament (2) -

(i) minnufih wara l-kliem "soġġetta għal dan ir-regolament u", għandhom jiżdiedu il-kliem "l-oħra hija soġġetta għad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi u"; u

(ii) minflok il-kliem "dan ir-regolament minħajr riferenza għal dawn ir-regolamenti" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi"; u

(ċ) fis-subregolament (3), minnufih wara l-kliem "għal dan ir-regolament" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew għar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi ".

Jemenda regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "il-kundizzjonijiet" għandhom jiżdiedu l-kliem " applikati fir-relazzjonijiet ma' Stati Membri oħra".

6. Fis-subregolament (1) tar-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "tar-regolament 2(1)(b)" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "tar-regolament 2(1)". Jemenda regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fir-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "tar-regolament 2(1)(a) " għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "tar-regolament 2(1)". Jemenda regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :- Jemenda regolament 29 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (1), minnufih wara l-kliem "korp ċentrali ta' xiri" għandhom jiżdiedu l-kliem "kif imfissra fir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi fl-akkwist ta' provvisti u, jew servizzi intiżi għal entitajiet kontraenti jew fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi jew l-għemil ta' ftehim qafas għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi intiżi għal entitajiet kontraenti"; u

(b) is-subregolament (2), għandu jiġi sostitwit kif ġej:-

"(2) Entitajiet kontraenti li jixtru xogħlijiet, provvisti u, jew servizzi minn jew permezz ta' korp ċentrali ta' xiri fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom jitqiesu li jkunu konformi ma' dawn ir-regolamenti sakemm il-korp ċentrali ta' xiri jkun osserva dan ir-regolament jew, fejn ikun adatt, ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi.".

9. Fis-subregolament (6) tar-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Il-Kummissjoni għandha tadotta" fit-tielet paragrafu sal-kliem "għas-subregolamenti (1) u (2)." fi tmiem is-subregolament, għandhom jiġu sostiwiti l-kliem "Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Kummissjoni li hemm fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/15/KE tas-7 ta' Jannar 2005.". Jemenda regolament 30 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fis-subregolament (2) tar-regolament 39 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara il-kliem "li huma fis-seħħ" għandhom jiżdiedu l-kliem "fil-post fejn is-servizz ser jiġi provdut". Jemenda regolament 39 tar-regolamenti prinċipali.

11. Fis-subregolament (1) tar-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "fi Skeda XVII" għandhom jiżdiedu il-kliem "skond kundizzjonijiet li għandha tagħmel il-Kummissjoni". Jemenda regolament 43 tar-regolamenti prinċipali.

12. Il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (5) tar-regolament 48 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit kif ġej :- Jemenda regolament 48 tar-regolamenti prinċipali.

"(ċ) jistgħu jiġu introdotti skemi volontarji ta' akkreditazzjoni li jkunu jimmiraw lejn il-kisba ta' livelli mtejba ta' għoti ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni għal dak it-tagħmir;".

Jemenda regolament 53 tar-regolamenti prinċipali.

13. Is-subregolament (3) tar-regolament 53 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) il-kliem "fir-regolament 45" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fir-regolament 49 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi"; u

(b) il-kliem "tar-regolament 2(1)(a) " għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tar-regolament 2(1)"; u

(ċ) il-kliem "fir-regolament 45(4)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fir-regolament 49(4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi".

Jemenda regolament 54 tar-regolamenti prinċipali.

14. Is-subregolament (4) tar-regolament 54 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) il-kliem "fir-regolament 45 tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi" fl-ewwel paragrafu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fir-regolament 49 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi"; u

(b) il-kliem "tar-regolament 2(1)(a)" fit-tieni paragrafu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tar-regolament 2 (1)" ; u

(ċ) il-kliem "fir-regolament 45(4)" fit-tieni paragrafu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem " regolament 49(4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi ".

Jemenda regolament 68 tar-regolamenti prinċipali.

15. Fir-regolament 68 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubbliċi" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi".

Jemenda Skeda XXII li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

16. Il-paragrafu 1 (a) ta' Skeda XXII li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej :-

(a) il-kliem "Avviżi msemmija fir-regolamenti 41, 42, 43 u 63 għandhom jintbagħtu mill-entitajiet kontraenti lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fil-format meħtieġ bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE tat-13 ta' Settembru 2001 li temenda l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 93/36/KEE, l-Annessi IV, V u VI tad-Direttiva tal-Kunsill

93/37/KEE, l-Annessi III u IV tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, kif emendati bid-Direttiva 97/52/KE, u l-Annessi XII sa XV, XVII u XVIII tad-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE, kif emendati bid-Direttiva 98/4/KE (Direttiva dwar l-użu ta' formoli *standard* fil-pubblikazzjoni ta' avviżi dwar kuntratt pubbliku)[(1)]." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avviżi msemmija fir-regolamenti 41, 42, 43 u 63 għandhom jintbagħtu mill-entitajiet kontraenti lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fil-format stabbilit b'miżuri ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 68(2) tad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 2004/17/KE." ; u

(b) il-kliem "[(1)] U L 285, 29.10.2001, p. 1 u U OJ L 214, 9.8.2002, p. 1." fi tmiem il-paġna relattiva għal paragrafu 1 (a) hawn qabel imsemmi, għandhom jitħassru.